TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 134/17/F

**Darren u Annalise Cassar**

**vs**

**Patrick Galea – Sogno Bagno**

Illum, 5 ta' Diċembru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Lulju, 2017 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tlett elef, erba' mija u ħamsa u disgħin Ewro (€3,495), rappreżentanti l-prezz ta' madum li kellu diversi difetti.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta'ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw madum li ġie mqiegħed u wara li ġie mqiegħed bdew ħerġin diversi għafiesi fuq dan il-madum, bil-konsegwenza li tista' tara dawn l-għafiesi anke mill-għajn fuq xi madumiet. Illi r-rikorrenti ssottomettew xi rapporti tekniċi fosthom tal-perit Micallef, fejn induna b'diversi pinholes fil-madum li qed jiżdied u li dan ġara probabbli riżultat tal-manifattur.

L-intimat issottometta li l-ammont huwa żgħir ħafna inkomparat mal-madum kollu u li wieħed juża standards internazzjonali, dan huwa aċċettabbli.

It-Tribunal, ħa konjizzjoni tar-rapporti kollha li ġew ippreżentati inkluż dak li qabbad it-Tribunal, u jinnota li sakemm saret ir-referenza ta' l-istandards internazzjonali, xorta jibqa' l-fatt illi ftit mill-madumiet li jista' jkun li qiegħed jiżdiedu maż-żmien, qegħdin joħorġu pinholes fid-difetti ta' l-għafiesi. S'issa sakemm inbdiet il-kawża jidher li qed jiżdiedu, pero' l-ammont jibqa' relattivament żgħir ukoll.

It-Tribunal, għal dawn ir-raġunijiet qed jiċħad ir-risposta tas-soċjeta' ntimata.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' sitt mitt Ewro (€600), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata, u inkluż l-ispejjeż tar-rapport tekniku.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**